MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Numru. 553/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Jessica Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Jessica Micallef detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 307295M.

Akkuzata talli fi xhur t' Awwissu u Settembru, 2013 f' dawn il-Gzejjer:

1) uzat il-Kodici tad-dhul password isem l-utent, indirizz postali, elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' xi persuna ohra f' Computer;
2) U aktar talli tat fastidju lil Graziana Azzopardi meta kienet taf jew missha kienet taf li dan huwa ta' fastidju ghal din il-persuna.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Marzu, 2015 (esebit a fol. 19 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 t' April, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li hija ghandha fedina penali netta, u l-fatt li l-imputata skuzat ruhha ghall-akkadut u l-parti civili prezenti fl-Awla accettat l-iskuza taghha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 337C(1), 337F u 251B tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha multa ta' €500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------